**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Settembru, 2023**

**Talba Nru: CCT15/23/DS**

**Sarah Psaila Sant Fournier**

**Vs**

**Go Plc**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-1 ta' Frar, 2023 fejn l-attriċi talbet illi s-soċjeta' intimata tirrifondiha l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600) għaliex il-*mobile* illi xtrat kien imkisser.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata intavolat risposta fejn tenniet illi l-attriċi għandha tiġġustifika t-talba tagħha li hija tħoss illi fil-mertu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda.

Ra l-atti kollha tal-kawża inkluż it-talba tar-rikorrenti illi ġiet milqugħa minn dan it-Tribunal għall-aġġustament tal-ammont minn sitt mitt Ewro (€600) għall-ħames mija u disgħa u disgħin Ewro (€599).

Ra l-eċċeżżjoni tas-soċjeta' intimata illi l-azzjoni hija preskritta b'sitt (6) xhur mid-data ta' minn meta inxtara l-*mobile* li skont dokument SPSF1 inxtara fid-9 ta' Mejju, 2022.

Ra d-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal illi rigward il-preskrizzjoni l-ewwel jisma' l-provi u peress illi din hija kawża li għandha tinstema' f'darba tittieħed deċiżjoni waħda mas-sentenza finali.

Sema' x-xhieda kollha bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawża titratta xiri ta' *mobile phone* illi l-attriċi ssostni li kien difettuż għaliex ma bediex jixgħel. Is-soċjeta' intimata żammet il-*mobile* għal tminn (8) gimgħat meta ttieħed għandha u forniet lill-attriċi b'mobile temporanjament sakemm jissewwa tagħha. Meta ssejħet sabiex tmur tiġbru, hija ngħatat il-*mobile* li kien jidher illi kien qiegħed jaħdem sew pero' wara gimgħatejn reġgħa kellu l-istess problema. Is-soċjeta' intimata għal darb'oħra forniet lill-attriċi b'*mobile* temporanju illi kien anka huwa mkisser tant illi l-attriċi kellha tiddobba wieħed hi biex tinqeda, u żammet il-mobile għat-tiswija. Meta s-soċjeta' intimata sejħet lill-attriċi biex tmur għall-*mobile* tagħha hija marret pero' qaltilhom illi hija ma riditux. Hija f'dak l-istadju kien għad kellha għandha l-*mobile* li ngħatat temporanjament sabiex suppost tinqeda bih u għaldaqstant is-soċjeta' intimata bagħtitilha ittra legali sabiex tirritornah. Meta marret tirritornah il-persuna li kellmitha qaltilha illi kien hemm xaqq fil-*mobile* illi ma kienx hemm qabel u li dan setgħa jiswiha mal-mitejn u erbgħin Ewro (€240) biex jinbidel l-iscreen. L-attrċi marret xi sitt darbiet il-ħanut tas-soċjeta' intimata għal xejn u fl-aħħar iddeċidiet illi tieħu passi. Hija kienet diretta tirritorna l-*mobile* li kellha fil-pussess tagħha u dan għamlitu. It-talba tagħha hija għal ħames mija u disgħa u disgħin Ewro (€599) għall-*mobile* illi hija xtrat u ma setgħetx tuża, liema *mobile* illum għadu fil-pussess tas-soċjeta' intimata.

Is-soċjeta' intimata waqt il-proċeduri insistiet illi l-*mobile* ma kellu xejn ħażin u li dan jidher mit-testijiet illi sarulu u d-dokumenti miġjuba xhieda ta' dan. Illi s-soċjeta' intimata tgħid ukoll illi d-dewmien primarjament kien minħabba l-fatt illi s-sinjura kellha *application* miftuħa illi kellha tintefa qabel ma jsiru t-testijiet u ma kienetx taf kif setgħet tagħmel dan pero' minn *email* illi produċiet hija stess immarkata Dok SI4 indirizzata lis-Sur Ryan Farrugia, it-tekniku tal-iCentre, hija niżżlet *"...the main delay was our bad since we took a little longer to follow up and make sure tha tthe customer was able to remove the FMI successfully. We apologise for that."* w'għaldaqstant m'huwiex minnu illi d-dewmien kien tort primarjament tal-klijenta hawnhekk, attriċi.

Finalment is-sinjura kellha tmur għall-*mobile* wara li sejħitilha s-soċjeta' intimata t-tieni darba u dan baqgħet m'għamlitux u għaldaqstant ix-xhud Sarah Ichiogu tgħid illi l-attriċi kienet qiegħda tinkorri penali ta' Ewro (€1) għall-kull ġurnata li ma ġabritx il-*mobile* tagħha. Hawnhekk issir referenza għall-provi fejn jidher illi d-

dokument illi semmiet ix-xhud-ma kien bl-ebda mod iffirmat mill-klijenta w'għaldaqstant, bla preġudizzju għal dak li ser jiġi deċiż, hija m'hijiex marbuta bih.

Illi dan it-Tribunal jibda biex primarjament jitratta l-kwistjoni tal-preskrizzjoni li fuqha għamlet eċċezzjoni s-soċjeta' intimata. Artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jistipula illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi deċiża b'kap separat, qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. Dan it-Tribunal fil-fatt għażel illi jiddeċiedi u jaqta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni flimkien mas-sentenza fuq il-mertu minħabba n-natura spedittiva ta' dawn il-każijiet.

Il-proviso għall-artikolu 21 (1) tal-Kapitolu 378 jistipula li *"kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tingħata' skond il-liġi."*Is-soċjeta' intimata qajjmet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 1431 *stante* illi tenniet illi dan il-każ huwa wieħed ta' *actio redibitoria,* illi hija preskritta b'sitt (6) xhur mid-data ta' minn meta inxtara l-*mobile phone*. Illi l-artikolu 1431 imsemmi jgħid is-segwenti:

> *1431. (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*
>
> *(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*
>
> *(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2).*

Dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attriċi ma setgħetx tinduna b'dak illi hija ssostni li huwa difett li ma kienx jidher tal-ħaġa mixtrija qabel ma waqaf jaħdem liema data kienet dik tas-26 ta' Settembru, 2022 u cioe anqas minn sitt (6) xhur qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna. Strettament la kien ingħad lilha illi ma kellux difetti f'dak l-istadju ta' min jgħid illi dak li hija ssostni li hu difett ġie propjament 'ikkonfermat' f'għajnejha meta l-*mobile* waqaf it-tieni darba u cioe fl-20 ta' Ottubru, 2022 għaliex għalkemm kien ingħad lilha illi difetti ma kellux (xi ħaġa li ser tiġi trattata fil-mertu) reggħat irriskontrat l-istess problema għall-darba oħra, li għaliha kienet il-konferma li kellha bżonn biex issostni illi l-prodott mixtri kien difettuż.

Rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għaldaqstant dan it-Tribunal iħoss illi din ma ġietx pruvata u għalhekk ser jgħaddi biex jiddeċiedi l-mertu.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi bħalma huwa seren fil-ġurisprudenza nostrana, f'kawża fejn tiġi eżerċitata l-azzjoni redibitorja, *"...il-prova tal-pre-eżistenza tad-difett imiss lix-xerrej... Sakemm il-venditur jillimita ruħhu jikkontesta l-vizzju, ma għandux bżonn jagħmel l-ebda prova... Ir-regola tibqa' dik li "probatio incumbit ei qui dicit", bid-diffikultajiet u l-ostakoli li ġġib magħha"* **Giuseppe Vella vs Paolo Deguara, Prim Awla, Qorti Ċivili, 27 ta' Ġunju, 1953**[1].

Ix-xerrejja attriċi ma ġabet l-ebda prova oltre illi hija ħalfet illi l-*mobile* waqaf wara xahrejn u li reggħa kellu l-ħsara ħmistax wara li ġie lura mit-tiswija. Hija bl-ebda mod ma wriet illi kien qiegħed jieqaf sforz ta' difett latenti u mhux ħtija ta' oġġett ieħor.

F'dan il-każ pero' il-venditur għażel illi jġib prova mingħand min huwa ċċertifikat illi jispezzjona l-imsemmija *mobiles* u fiż-żewġ istanzi il-*mobile* ġie ttestjat u jidher illi ma preżenta l-ebda difett. Is-Sur Ryan Farrugia fil-fatt isostni illi "*We have tested this unit again and it is working as it should... Ideally customer if he/she has any sort of backup she setup unit as new as issue could be coming from a corrupted profile or application.*" (Dok SI4).

Illi kien jinkombi fuq l-attriċi illi ġġib prova tad-difett u l-*puncto temporis* meta qiegħda tallega li kien jeżisti. Fl-istess deċiżjoni hawn aktar il-fuq citata jingħad ukoll illi "*dwar il-pre-eżistenza tal-vizzju... l-attur ma jistgħax jirpoża fuq ebda presunzjoni, speċjalment dik tal-qosor taż-żmien bejn il-bejgħ u l-manifestazzjoni tad-difett; għaliex din il-preżunzjoni m'hijiex fil-liġi, anzi hija kontra l-liġi...*"

Meta ra l-insjem tal-provi dan it-Tribunal m'huwiex moralment konvint illi l-*mobile* qiegħed jirriskontra problemi minħabba difett fil-*mobile* innifsu u mhux jieqaf minħabba ċirkustanzi oħra.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 12, il-Kap 16 u l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provatx il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhha m'għandhiex tiġi milqugħa.

[1] Sentenza citata fl-Alfabett tal-Kodiċi Ċivili Volum A- l-Imħallef Philip Sciberras, p.558.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi fl-ewwel lok jiċħad l-eċċeżżjoni tas-soċjeta' intimata rigwardanti l-preskrizzjoni.

Ulterjorment jaqta' u jiddeċiedi billi fit-tieni lok jiċħad it-talba rikorrenti u jordna lir-rikorrenti tirtira l-*mobile* tagħha mingħand is-soċjeta' intimata fi żmien xahar mid-deċiżjoni finali.

Minħabba d-dewmien fl-għoti tas-servizz lill-attriċi, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**